MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2007

Numru. 786/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**
**v**

**CARMELO ATTARD bin Vincenzo u Maria nee' Mula, imwieled fl-erbgha ta' Jannar, 1936 u residenti 22, Triq Frangisk Portelli, Gharb, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 26036M**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **CARMELO ATTARD** bin Vincenzo u Maria nee' Mula, imwieled fl-erbgha ta' Jannar, 1936 u residenti 22, Triq Frangisk Portelli, Gharb, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 26036M gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fil-jiem immedjatament qabel it-

tmintax ta’ Settembru 2006 volontarjament ghamel hsara ghad-dannu ta’ Frank Calleja billi volontarjament kisser parti minn hajt divizorju bejn il-propjeta’ ta’ Frank Calleja li ggib in-numru 5/6 Triq il-Knisja, Gharb b’tali mod u manjiera li gieghel jew ippermetta illi l-ilma tax-xita tal-bejt tieghu jiskela ghal go l-istess hajt divizorju u ghal gol-propjeta’ ta’ Frank Calleja;

Il-Qorti giet mitluba li f’kaz ta’ htija barra l-piena stabbilita titlob li Carmelo Attard sabiex ma jimmolestax lil Calleja jew lil propjeta tieghu ghal zmien indefinit, u billi jiddepozita dik is-somma li l-istes Qorti jidrilha necessarja u dan il-ghan fit-termini tal-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-affidavit ta’ PS 1377 Emanuel Cilia u l-okkorrenza esibita kif wkoll l-faffikolu ta’ zewg ritratti esibit minn Frank Calleja.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u lil imputat jixhed minn jeddu b’mod voluntarju.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti l-akkuza tirrizulta ppruvata.

Ghalhekk, **il-Qorti**, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta **tiddikjara li ssib lil imputat CARMELO ATTARD hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu u tikkundannah ghal hlas ta’ multa ta’ ghaxar [10] liri maltin.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------